MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 120/2014

Avv. James D'Agostino bhala mandatarju specjali ta' l-assenti AN

vs

Avv. Anna Maria D'Agostino bhala mandatarja specjali ta' l-assenti LF

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur nomine, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-awturi tal-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Novembru 2006, fil-Kattidral ta’ l-Imdina, skont kopja tac-Certifikat taz-zwieg hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A ;
2. Illi dan iz-zwieg huwa vizzjat minhabba, fost ohrajn, difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi taghha, frodi dwar kwalita’ li fiha nnifisha tista tisfratta serjament il-hajja matrimonjali, u eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta’ element fondamentali tieghu kif ukoll nuqqas ta’ konsumazzjoni taz-zwieg fiz-zmien stabilit, ragunijiet imputabbli unikament lill-partijiet, jew min minnhom, ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d), u (f), u 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
3. Illi l-esponenti huwa awtorizzat jipprocedi b’din il-kawza ai termini ta’ prokura datata 17 ta’ Gunju 2013 ;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-5 ta’ Novembru 2006 fil-Kattidral ta’ l-Imdina huwa null u bla ebda effett fil-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) u 19 A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta nomine, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-eccipjenti taqbel li dan iz-zwieg jigi dikjarat null ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) u 19 A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-eccipjenti ma taqbilx li ghandha tbaghti wehidha l-ispejjez ta’ din il-kawza stante li l-partijiet jahtu ugwalment ghan-nullita’ ta’ dan iz-zwieg;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta nomine ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur hekk kif debitament rappreżentant u l-intimata rapprezentata wkoll datat il-5 ta’ Novembru 2006 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d), 19(1)(f) u 19A tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Min-naha taghha, l-intimata taqbel li z-zwieg huwa null u bla effett izda biss *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d),(1)(f) u 19A tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], l-attur jghid li sar jaf lill-intimata waqt kors fl-Universita’ ta’ Malta b’dan li sena wara bdew johorgu flimkien. Jghid li l-intimata kienet qaltlu li hi bisesswali, izda peress li r-relazzjoni tieghu maghha kienet tajba u kienu ferhanin flimkien, ma tax importanza lil tali fattur ghaliex qatt ma taghtu x’jifhem li kellu ghalfejn jinkwieta. Jispjega li kienet idea tal-intimata li jizzewgu u dan ghaliex qalet li b’hekk il-genituri taghhom ma jitkazawx li qieghdin ighixu flimkien. Jghid li qabel iz-zwieg kienu ccaraw certu affarijiet bejniethom fosthom il-fatt li ma kellhomx interess li jkollhom tfal. Din kienet decizjoni reciproka.

Jispjega li qisu sitt xhur wara li zzewgu, l-intimata bdiet turi nuqqas ta’ interess fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom, ghalkemm jghid li minn dejjem kellha nuqqas ta’ interess f’relazzjonijiet sesswali. Tant hu hekk li jghid li z-zwieg gie kkunsmat wara hames xhur miz-zwieg. Apparti li kienet tghid li l-fizicita’ kienet iddejjaqha, kienet tghid li kienet tinkwieta li tinqabad tqila. Pero’ minkejja dan, l-attur jghid li ma kellux idea li setghet kienet omosesswali. Hekk kif il-koppja emigraw lejn l-Irlanda u l-intimata inghaqdet mal-grupp Roller Derby,  bdiet tohrog hafna u tqatta’ hafna hin barra u beda jissusspetta li kellha relazzjoni ma’ wahda minn dawn in-nisa. Meta staqsiha fil-fatt ammettiet, b’dan li ssuggeriet li z-zwieg taghhom ikun miftuh ghal relazzjonijiet ohra. Sussegwentement harget bl-idea li kienet lesta li tibqa’ mieghu u tqatta’ aktar hin id-dar bil-kundizzjoni li jkollhom tarbija, izda jghid li hu qatt ma ried it-tfal u ma riedx jaccetta ghax hassu rikattat. Jispjega li sseparaw b’dan li ghadhom civili ma’ xulxin. Jaf li ilha f’relazzjoni ma’ mara ghal sentejn u jghixu flimkien gewwa l-Germanja.

Jaghlaq billi jghid li jemmen li z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null ghaliex minkejja li t-tnejn li huma zbaljaw meta eskludew il-prolazzjoni tal-ulied, jghid li li kieku kien jaf li l-intimata omosesswali ma kienx jizzewwigha. Izid jghid li l-fatt li kienet l-intimata li ssuggeriet li jkollhom zwieg miftuh dan ifisser li l-intimata m’emmnitx li z-zwieg ghandu jkun bejn koppja biss. L-istil ta’ hajja taghha, specjalment meta kienu jghixu l-Irlanda, juri li riedet tibqa’ tghix hajja ta’ xebba.

[1] Esebit a fol 10 tal-process

**Il-Verzjoni tal-intimata**

Permezz tal-affidavit taghha, l-intimata[2] tikkonferma li ltaqghet mar-rikorrent l-Universita' u li ghalkemm kienet thoss li r-relazzjoni taghhom kienet genwina u riedet tibni relazzjoni mieghu, infurmatu li hi bisesswali u li qabel ma bdiet tohrog mieghu kellha relazzjoni ma' mara. Tghid li meta gietu l-opportunita' li jmur jahdem Parigi, kienet hi li ssuggeriet iz-zwieg biex b'hekk il-genituri taghhom, li kienu konservattivi, ma jghidux li ser jghixu fid-dnub. Izzid tghid li ghalihom ftit li xejn kienet taghmel differenza jekk jizzewgux jew le. Tghid ukoll li qablu li ma jkollhomx tfal. Tikkonferma li l-aspett tal-fizicita' dejjem dejjaqha tant li z-zwieg taghhom gie kkunsmat biss wara hames (5) xhur. Lil zewgha qaltlu li ma kienitx lesta ghal relazzjoni fizika u bdiet taqla' kull skuza biex ma jkunux intimi.

Tghid li kollox inbidel meta marru jghixu l-Irlanda, ghaliex hemmhekk dahlet fi grupp sportiv u bdiet tohrog u tghix hajja li hi tiddiskrivi bhala wahda fejn irvellat. Kien f'dan l-ambjent li ndunat li fil-fatt ma kienitx bisesswali izda omosesswali u li n-nuqqas ta' gibda lejn ir-rikorrent b'mod fiziku kienet ghal din ir-raguni. Kif bdiet relazzjoni ma' mara, tant hassitha tajba u normali li rrealizzat ghaliex ir-ragel ma kienx jattiraha sesswalment. Tispjega li ghalkemm kellha relazzjoni ma' mara ohra qabel iz-zwieg, din kienet differenti ferm ghaliex il-mara l-ohra ma kienitx omosesswali izda riedet biss tesperimenta. Tghid li fil-passat u meta kienet izghar, kien hemm indikazzjonijiet tal-orjentazzjoni taghha, izda dan kollu jaghmel sens issa.

Tammetti li fiz-zwieg kellha relazzjonijiet ma' nisa ohra, izda kienet qed thossha tghix zewg hajjiet – dik pubblika u dik mistura. Kien ghalhekk li hassitha ferm 'relieved' meta r-rikorrent staqsiha jekk kellhiex relazzjoni ma' haddiehor. Tikkonferma li ssuggeriet li jkollhom *an open marriage,*

---

[2] Esebit a fol 23 tal-process

izda dan is-suggeriment ma nizilx tajjeb mal-istess rikorrent. Tghid li ssuggeriet li jkollhom it-tfal bhala tentattiv sabiex issalva z-zwieg, pero' r-rikorrent ma riedx ghaliex dak kien il-patt ta' bejniethom.

Tikkonferma li ilha f'relazzjoni ma' Abby ghal madwar tliet (3) snin u ghalkemm jiddispjaciha ghar-rikorrent, thoss li ma setghetx tibqa' tghix gidba. Taghlaq billi tghid li kienet tahseb li hi bisesswali izda rrealizzat li kienet omosesswali u li rat iz-zwieg bhala possibilita' biex tghix mal-gharus taghha u sabiex issegwi l-karriera taghha.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-5 ta' Novembru 2006 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti, taghmel referenza ghall-affidavit ta' Matthew Mc Carthy[3], fejn jghid li ghalkemm martu kienet spjegatlu li skond l-intimata l-partijiet kellhom *an open marriage* u dan b'referenza ghar-relazzjoni li kellha l-istess intimata ma' mara tar-Roller Derby, u sussegwentement skopra li dan ma kienx il-kaz ghaliex ir-rikorrent ma ried ebda *open marriage*. Jghid li ddiskutew bejniethom il-kwistjoni ta' *open marriage* u l-infidelta' apparti l-orjentazzjoni sesswali tal-intimata. Jghid li l-intimata ma dahlitx ghal dan iz-zwieg bhala *a life-long commitment,* mentri r-rikorrent kellu kull intenzjoni li jzomm fidil ma' dak li wieghed fil-mument tal-kunsens. Jikkonferma li mill-konversazzjonijiet li kellhom il-partijiet qabel iz-zwieg, kienu ddecidew li ma jkollhomx tfal u li l-intimata kienet stqarret li hi bisesswali qabel iz-zwieg, pero' din il-kwistjoni mmanifestat ruhha meta l-partijiet marru jghixu l-Irlanda. Jaghlaq billi jghid li jaf li l-intimata ilha f'relazzjoni ma' mara ghal dawn l-ahhar sentejn.

[3] Esebit a fol 14 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-profil ta' *Facebook* tal-intimata fejn hi tikkonferma li ghandha relazzjoni ma' certu Abby u li tali relazzjoni ilha ghaddejja ghal madwar sentejn[4], kif wara kollox tikkonferma l-istess Abby Hart permezz tal-affidavit taghha[5].

Permezz tal-affidavit taghha, Naomi Daly[6] ukoll tikkonferma li l-intimata kellha relazzjonijiet ma' nisa ohra fiz-zwieg u li ma kellha ebda interess fl-irgiel. Tghid li rat ir-relazzjoni tal-intimata mal-imsemmi Abby tizviluppa u li hassitha tajjeb meta finalment l-intimata qalet b'kollox lir-rikorrent. Tghid li taf ukoll li l-intimata kienet issuggeriet li jkollhom tarbija, ghalkemm ix-xhud tghid li ma kienitx certa li din kienet idea tajba imma wara kollox, ir-rikorrent xorta ma accettax.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[7] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[8] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

[4] Ara a fol 16 – 18 tal-process
[5] Ara a fol 27 tal-process
[6] Ara a fol 28 tal-process
[7] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[8] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Mill-provi migbura fil-mori tal-kawza, jirrizulta b'mod car li l-intimata ma setghet qatt qarrqet bl-attur meta kienet l-istess intimata li qaltlu li kienet bisesswali qabel iz-zwieg. Huwa minnu li hemm differenza bejn persuna li tkun bisesswali jew omosesswali, pero' jibqa' l-fatt li r-rikorrent kien jaf li l-intimata kellha relazzjoni ma' mara qabel ma ltaqghet mieghu u li ghalhekk dejjem kien hemm  il-possibilita' li terga' tibni relazzjoni ma' mara ohra. Il-fatt li kien jaf li hi bisesswali, diga' minnu nnifsu juri li r-rikorrent kien konxju minn tali possibilita' (ghalkemm m'emminx li din kienet ser tigri peress li r-relazzjoni taghhom kienet wahda soda, skond hu). Dan qieghed jinghad anke abbazi tal-fatt li l-istess partijiet it-tnejn jikkonfermaw li r-relazzjonijiet fizici bejniethom kienu skarsi u dan kien bilfors ta' indikazzjoni ghar-rikorrent, specjalment in vista tal-fatt li hu kien jaf li l-intimata kienet migbuda lejn in-nisa. Veru li ma kienx jaf li l-intimata fir-realta' hija omosesswali, izda wara kollox, mill-provi jirrizulta li anke l-intimata stess irrealizzat li kienet omosesswali, (u mhux bisesswali) meta marret tghix l-Ingilterra. Ghalhek, fic-cirkustanzi,  l-Qorti ma tistax tilqa t-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-intimat, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga,  il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet jista' jkun li dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel, principalment ghaliex ir-rikorrent kien sejjer jghix Parigi. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta mal-fatt li l-intimata riedet tavvanza fil-karriera taghha u hasset li Parigi kienet ir-risposta ghall-karriera taghha, kif ukoll sabiex tevita l-garr u l-pregudizzju tal-familji jekk jghixu flimkien, izda dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja biex jidhlu ghal tali pass. Tant hu hekk, li wara li

ghaddielhom l-entuzjazmu dwar il-fatt li kienu ser jizzewgu, ddiskutew il-futur taghhom u l-possibilita' li jkollhom l-ulied, bir-rizultat li ddecidew li ma jkollhomx ulied. Ghalkemm tali diskussjoni taqa' taħt Artikolu iehor li ser jigu diskuss aktar 'il quddiem, il-Qorti tara li l-fatt li l-partijiet iddiskutew punti tant importanti dwar iz-zwieg dan juri li l-partijiet kienu qed jifhmu x'pass ser jaghmlu.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[10] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet***

[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-partijiet kellhom id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom u ghaldaqstant it-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu ma tistax tintlaqa'.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-prolazzjoni tal-ulied, il-Qorti tirrileva li l-partijiet jaqblu fuq dan il-punt, tant li jiddikjaraw li effettivament jaqblu li l-att taz-zwieg qatt ma kien miftuh ghall-prolazzjoni tal-ulied. Dan kien miftiehem qabel iz-zwieg u ghalkemm lejn l-ahhar l-intimata ssuggeriet li jkollhom tarbija, r-rikorrent baqa' jzomm l-istess fehma u cioe' li ma jridx tfal.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel  simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta'***

***l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, li jinkludi fost ohrajn il-prolazzjoni tal-ulied. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Engerer John Vs Camilleri Corinne** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Ottubru 2002) fejn gie ritenut li:

"***Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga....Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens u jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi sahansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null***";

kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Fenech Adrian vs Balzan Tania** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' April 2001) fejn gie sostnut ukoll li:

"***Il-prokreazzjoni tat-tfal hija element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni posittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita' taz-zwieg***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[11] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali***

[11] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet irnexxilehom jippruvaw sal-grad rikjest mill-ligi (anzi aktar *stante* li l-Qorti hija konvinta dwar dan minghajr ebda forma ta' dubju) li ma kien hemm ebda intenzjoni li l-partijiet ikollhom l-ulied) minkejja li wara z-zwieg, l-intimata riedet li ssalva z-zwieg permezz ta' tarbija, liema proposta giet rifjutata mir-rikorrent abbazi tal-fatt li hu baqa' bl-istess fehma u li cioe' ma riedx tfal.

Illi dwar l-Artikolu 19A(1) u cioe' dak relatat mar-rifjut tal-partijiet li jikkonsmaw i-zwieg, din il-Qorti tirrileva li mix-xiehda tal-partijiet jirrizulta li z-zwieg gie kkunsmat wara hames xhur. Dan jixhduh iz-zewg partijiet u konsegwentement zgur li m'hemm ebda lok sabiex it-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------